**Laqgha Numru 06/K6/2012**

**Introduzzjoni**

Is-Sitt Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava kien skuzata. **(Ara dok. A u B)**

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li ghalkemm kienet indisposta hija xorta wahda attendiet minhabba li l-Kunsill jista' jispicca minghajr servizz ta' tindif fil-lokal.

Ghall-parti mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku. (Rapprezentant tal-kumpanija Absolute Cleaners Ltd.)

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-31 ta' Jannar 2012. L-Agenda kienet:

**01. Deċiżjoni dwar Tenders 08 u 10/2011.**

## 01. Deċiżjoni dwar Tenders 08 u 10/2011.

1.01. Fil-5.30pm, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqgha tigi sospiza sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***1.04. Il-laqgha giet sospiza fil-5.32pm.***

***1.05. Il-laqgħa tkompliet fil-5.45pm.***

1.06. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li b'riferenza ghal-**Tender 08/2011** for Cleaning and Embellishment of Urban, Non Urban and Open Areas within Pembroke Boundaries, fil-Bord ta' l-Ghazla kien hemm proposta mis-Sindku biex tintaghzel l-offerta ta' Absolute Cleaners Ltd. ghalkemm ma kien hemm ebda rakkomandazzjoni finali mill-Bord. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta' ta' Absolute Cleaners Ltd.

1.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill, precedentament kien approva li l-offerti kellhom jigu aggudikata abbazi tal-process MEAT.

1.08. Hadd m'issekonda l-proposta tas-Sindku Joe Zammit.

1.09. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li b'riferenza ghal-**Tender 10/2011** for Upkeep & Maintenance of Parks & Gardens, fil-Bord ta' l-Ghazla kien hemm proposta mis-Sindku biex tintaghzel l-offerta ta' Carmel Mifsud ghalkemm ma kien hemm ebda rakkomandazzjoni finali mill-Bord. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta' ta' Carml Mifsud.

1.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill kien approva li l-offerti jigu aggudikata abbazi tal-process MEAT.

1.11. Hadd m'issekonda l-proposta tas-Sindku Joe Zammit.

1.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li fid-dawl li ma kienx hemm decizjoni fuq it-tenders u sabiex is-servizz fil-lokal ma jieqafx, il-kelliema pproponiet li z-zewg t-tenders ezistenti jigifieri **Tender 04/2008** Cleaning and Embelishment of Urban, Non Urban and open areas within Pembroke Boundaries u **Tender 06/2008** Upkeep & Maintenance of Parks & Gardens, ghandhom jigu mgedda b'xahar iehor jigifieri sa l-ahhar ta' Frar 2012, u dan bhal ma sar fl-ahhar xhur.

1.13. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.14. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Joe Zammit astjena.

1.15. Il-mozzjoni ghaddiet.

1.16. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fil-5.52 bil-laqgha li jmiss tkun skedata ghal-15 ta' Frar 2012 fil-5.30pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |